Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti

Il-Ministeru tal-Edukazzjoni, ix-Xogħol u l-Familja
Triq l-Assedju l-Kbir
Il-Furjana VLT 2000

www.kunsilltalmalti.gov.mt
kunsilltalmalti@gov.mt

# "IT-TQEGĦID TAL-PRODOTT"

F'laqgħa li kellna fit-3 ta' Diċembru 2010 bħala Kunsill mal-Awtorità tax-Xandir, il-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità kien fissrilna kif qed ikollu kummenti negattivi mill-pubbliku Malti li mhux jifhem din il-frażi. Wegħedna li jekk insibu verżjoni iktar ċara u dħulija għall-pubbliku, hu jkun lest jgħaddiha lill-istazzjonijiet biex jibdew jużaw lilha minflok dik użata bħalissa.

Għaldaqstant, il-Kunsill tal-Malti għamel sejħa għal suġġerimenti li kellha rispons tajjeb.

Il-Kumitat tat-Terminoloġija (fi ħdan il-Kunsill tal-Malti) ltaqa' fis-16 ta' Frar 2011 biex, qabelxejn, jiddiskuti jekk hemmx bżonn li tinbidel l-espressjoni u mbagħad ikkonsidra kemm is-suġġerimenti li rċieva bi tweġiba, kif ukoll oħrajn li dehru fil-ġurnali jew fuq l-internet. B'kollox, fost oħrajn, ikkonsidra 23 verżjoni finali differenti u mexa gradwalment bi proċess ta' eliminazzjoni.

**Kriterji importanti li daħlu fid-diskussjoni kienu:**

(1) li għandu jiġi evitat kliem li jista' jwassal l-idea jew l-intenzjoni ta' dubju jew aġenda moħbija, bħalma huma: *pubbliċità okkulta, moħbija, sottili, indiretta, bis-serqa*;

(2) li tinżamm id-distinzjoni (li tidher diġà fl-użu tat-termini newtrali *tqegħid, placement, inserimento*), bejn, minn naħa, il-promozzjoni diretta u attiva ta' reklam u, mill-oħra, is-sempliċi preżenza ta' prodott kummerċjali f'kuntest li mhux kummerċjali (ngħidu aħna f'film, fi dramm, f'telenovella, eċċ.); minħabba din id-distinzjoni ġie evitat kliem bħal *reklam* u *promozzjoni*;

(3) li l-frażi tkun ċara għall-pubbliku li jismagħha, u tkun tgħid kemm għandha tgħid, la inqas u lanqas iktar.

Wara diskussjoni twila l-Kumitat qabel li jissuġġerixxi l-użu ta' din is-sentenza li għaddiet lill-Awtorità tax-Xandir u xieraq li tibda tintuża mill-istazzjonijiet lokali:

**F'dan il-programm jidhru xi prodotti kummerċjali.**

(*U, f'każ ta' bżonn, għar-radju:* **F'dan il-programm jissemmew xi prodotti kummerċjali.**)